- *Likwidazzjoni ta' danni għal debilita` fiżika*
- *likwidazzjoni ta' lucrum cessans*
- *Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili*
- *Valur probatorju t'ammissjoni fl-atti ta' proċess penali għall-fini ta' proċess ċivili*
- *Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili ikopri spejjeż futuri*

**MALTA**

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rik. Ġur. 1031/2008 GM**

**BETTINA PISANI MART RAYMOND PISANI u L-ISTESS RAYMOND PISANI**

**vs**

**RENATO *sive* RONNIE MALLIA u CITADEL INSURANCE PLC**

**Seduta tal-14 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Ottubru, 2008, fejn wara li ppremettew illi:

1. Fl-4 ta' Jannar 2006, għall-ħabta tal-10.20am waqt li l-esponenti Bettina Pisani kienet qed taqsam Triq il-Vitorja, Birkirkara, hija sfat investita u midruba mill-vettura nru RUN 009 li l-konvenut Renato *sive* Ronnie Mallia kien qed jirriversja fl-istess triq.
2. Għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament l-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u innosservanza tar-regolamenti.
3. Fil-proċeduri kriminali istitwiti kontra l-konvenut dwar l-inċident *de quo* mill-pulizija Eżekuttiva fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-istess Mallia ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u b'sentenza mogħtija fid-9 ta' Marzu 2007 li għaddiet in ġudikat kien kundannat iħallas multa ta' LM75 u kien skwalifikat milli jżomm licenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tlett xhur (Dok ZM1).
4. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponenti ġarrbu *damnum emergens* fl-ammont ta' €17,129.94 li minnhom €3,509.90 tħallsu lill-atturi mill-Kummissjoni Ewropea għaliex l-attur Raymond Pisani huwa hemm impjegat, waqt li l-bilanc ta' €13,620.03 għadhom ma thallsux mill-konvenut (Dok ZM2).

5. Konsegwenza tal-istess inċident, l-esponenti ġarrbu wkoll *lucrum cessans* kagun tal-fatt li bħala effett dirett tal-inċident, l-esponenti Bettina Pisani soffriet debilita` permanenti riskontrata u aċċertata (Dok ZM3).
6. Konsegwenza ta' din id-diżabilita`, l-esponenti se jkomplu jinkorru spejjeż ta' kura ta' natura rikorrenti fi-futur (Dok ZM4) u spejjeż oħra għal assistenza lill-istess attriċi kif jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
7. Wara s-sentenza fil-proċeduri kriminali istitwiti kontra l-konvenut Renato sive Ronnie Mallia fuq riferita, il-konvenuta Citadel Insurance plc, assikuratur tal-vettura tal-konvenut Renato sive Ronnie Mallia, aċċettat li bla pregudizzju titratta mal-avukat tal-esponent likwidazzjoni u ħlas ta' danni favur l-esponenti.
8. Min-naħa tiegħu, l-konvenut Renato sive Ronnie Mallia ddelega lill-konvenut Citadel Insurance plc, assikuratur tiegħu, sabiex titratta mal-esponenti l-kwistjoni tad-danni ċivili.
9. Kien hemm skambju ta' komunikazzjonijiet bejn il-konsulent legali tal-esponenti u l-konvenuta Citadel Insurance plc u saħansitra da parti tal-esponenti saret *claim* dettaljata kif kien rikjest bla preġudizzju mill-istess Citadel Insurance plc u anke l-konsenja ta' faxxikolu ta' dokumenti in sostenn tal-pretensjoni tal-esponenti.
10. Il-kuntatti mal-konvenuta Citadel Insurance plc kienu tronkati meta din tal-aħħar talbet li l-esponenti Bettina Pisani tkun eżaminata minn konsulent mediku magħżul mill-istess Citadel Insurance plc pero` rrifjutat ir-rikjesta tal-esponenti li qabel isir eżami ta' dik ix-*xorta l-istess Citadel Insurance plc taċċetta li tħallas almenu d-damnum* emergens tal-esponenti li għalihom kien jikkostitwixxi piz finanzjarju sostanzjali u notevoli.

11.Is-soċjeta` Citadel Insurance plc irrifjutat.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenut Renato sive Ronnie Mallia unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-atturi.
2. Tillikwida d-damnum emergens tal-atturi fl-ammont ta' tlettax il-elf sitt mija u għoxrin euro u tlett centezmi (€13,620.03) kif fuq spjegat.
3. Tillikwida d-danni l-oħra tal-atturi konsistenti fi spejjez rikorrenti u lucrum cessans naxxenti mid-dizabilita' permanenti tal-attrici, occorrendo bl-opra ta'periti nominandi.
4. Tkkundanna lill-konvenut Renato sive Ronnie Mallia u lis-soċjeta` Citadel Insurance plc fil-vesti tagħha bħala assikuratur tal-vettura nru RUN 009 li kienet qed tinsaq mill-konvenut Renato sive Ronnie Mallia sabiex iħallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi dawk l-ammonti kollha li jiġu dikjarati bħala dovuti minnhom lill-atturi in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 t'Ottubru 2007, u bl-imgħax legali fuq id-*damnum emergens* tal-atturi fuq indikat b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors maħluf, u bl-imgħax legali fuq il-bqija tad-danni attriċi skond il-liġi, kontra l-konvenuti li ġew inġunti għas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut fis-6 ta' Novembru, 2008 li permezz tagħha eċċepew illi:

1. l-intimat Renato sive Ronnie Mallia ma jaħtix għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.
2. l-attriċi għandha fi kwalunkwe każ tipprova (i) in-natura tad-danni sofferti minnu kemm dawk ta' *damnum emergens* u/jew ta' *lucrum cessans* (ii) tali danni talvolta sofferti minnu huma derivanti direttament mill-inċident *de quo.*
3. l-ammont reklamat mill-attrici bħala *damnum emer*gens huwa esaġerat.
4. l-attrici m'hija intitolata għal ebda spejjeż rikorrenti skond il-ligi salv għal dawk li jirrizultaw bħala *damnum emergens* jew *lucrum cessans*.

Rat id-degrieti tagħha (diversament preseduta) tal-25 ta' Marzu 2015 u tal-1 ta' Diċembru 2015 fejn inħatru l-espert ortopediku Mr Massimo Abela u l-kirurgu Joseph Briffa rispettivament bħala esperti mediċi biex jeżaminaw lil atturi;

Rat ir-Rapporti imressqin mill-perit mediku l-kirurgu Joseph Briffa fis-17 ta' Frar 2016 u tal-perit mediku l-espert ortopediku Mr Massimo Abela fit-23 ta' Mejju, 2016;

Semgħat ix-xhieda u qrat id-dokumenti mressqa mill-partijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-10 ta' Diċembru, 2018 u dik tal-konvenut tal-20 ta' Diċembru, 2018 u semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

1. **<u>Responsabilita` tal-inċident</u>**

Illi bħala prova tal-ħtija tal-konvenut, l-atturi ppreżentaw kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ronnie (Renato) Mallia**[1] tad-9 ta' Marzu 2007 imnejn jirriżulta li l-konvenut, imputat f'dak il-proċess penali, ġie misjub ħati wara ammissjoni tiegħu stess talli kkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bettina Pisani;

Illi huwa notorju li skont Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni ċivili u għalhekk almenu bħala prinċipju u bħala regola ġenerali fil-kamp ċivili l-proċediment irid isir *ex integro* indipendentement minn kwalsiasi sentenza mnissla minn azzjoni kriminali.[2] Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 627 (ċ) tal-Kapitolu 12 l-atti u r-registri tal-Qrati ta' Ġustizzja huma ammissibbli bi prova *ex facie* – kompriż allura sentenza mogħtija minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[3]; u skont l-Artikolu 632(1) tal-istess Kapitolu 12 "kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti, kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova";

Illi huwa riċevut mill-ġurisprudenza li "anke f'dan il-każ il-verbal tal-ammissjoni tal-imputazzjoni, li hemm fl-inkartament kriminali, kien jikkostitwixxi prova, mhux bħala prova kwalunkwe in sede kriminali estendibbli għall-ġudizzju ċivili,

---

[1] fol 5.
[2] Onor. Paul Boffanomine et-vs- Paul Zammit, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 06.02.1950.
[3] Carmelo Camilleri -vs- GejtuCassar, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 01.12.1955.

imma **bħala konfessjoni**. Dan bl-istess mod kif kienet tkun produċibbli bħala prova konfessjoni bil-miktub magħmula band'oħra, jew anki konfessjoni verbali"[4]. F'sentenza oħra ingħad ukoll li "Jikkonsegwi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet illi t-Tribunal ma kienx legalment korrett fl-affermazzjoni tiegħu illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma kinitx tagħmel prova suffiċjenti u li, għaldaqstant, kienet meħtieġa prova *hinc inde* quddiem tal-kommissjoni tal-malafama. *Del resto*, bil-kontra wkoll ta' dak ritenut mill-Ġudikatur, ma kienet teżisti ebda kontestazzjoni mill-konvenuti dwar is-sentenza b'dawk l-imputazzjonijiet u l-prova tal-ammissjoni dwarhom".[5] Għalhekk il-ħtija tal-konvenut tirriżulta b'mod ċar mill-proċess u sentenza fuq imsemmija mogħtija in sede penali. Apparti minn dan, is-soċjeta` assikuratriċi intimata Citadel Insurance plc permezz tar-rappreżentant tagħha Michael Borg Costanzi ammettiet ir-responsabilita tal-inċident.[6] Għaldaqstant ma hemm l-ebda dubbju illi l-intimat Renato Mallia għandu jinżamm unikament responsabbli tal-istess inċident, u l-ewwel talba attriċi għandha tiġi milqugħa;

## 2. <u>Likwidazzjoni tad-danni</u>

### 2.1 ***Damnum Emergens***

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens*, l-atturi ressqu numru ta' irċevuti[7] li jikkonsistu f'fiżjoterapija, f'xiri ta' mediċini, irċevuti għat-transport, u irċevuti

[4] Joseph Manche` -vs- Mary Butler et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 11.05.1957.
[5] Borg Emanuel v Clews Anna - 27.02.2009
[6] Fol 555.
[7] Fol 181 - 340

ta' tobba u sptarijiet bil-valur komplessiv ta' sbatax-il elf, mija u disgħa u għoxrin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€17,129.94).

Illi l-attur Raymond Pisani jaħdem mal-Kummissjoni Ewropea[8] u apparti l-paga, igawdi ukoll mill-beneficcju tal-*Joint Sickness Insurance Scheme* li hija forma ta' Assigurazzjoni tas-Saħħa li tkopri kemm lilu u kemm lil martu (l-attriċi) u lil dixxendenti taħt is-sitta u għoxrin sena li ma jaħdmux. Għalhekk wara l-inċident ta' martu, l-attur applika għal din l-Assigurazzjoni ta' Saħħa u mela l-formuli relattivi (*claim forms*) [9] u annetta l-irċevuti kollha sabiex ikun jista' jiġi rinborżat mill-Kummissjoni Ewropa. Iżda l-attur ma ġiex rinborżat totalment u dan għaliex hemm ċertu kundizzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea[10] stess illi f'każijiet bħal dan, qatt ma tagħti rinborż ta' mija fil-mija jew saħansitra hemm ċertu mediċini illi ma jingħata l-ebda kumpens fuqhom.[11] Filfatt skond dokument MBC[12], il-Kummissjoni Ewropea irrinborżat lill-atturi s-somma ta' ħamest elef, mitejn u disa' Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu biss (€5,209.75);

Illi għalkemm kien hemm diverbju bejn il-partijiet rigwardanti l-ammont imħallas lura mill-Kummissjoni Ewropeja lill-atturi, dan jirriżulta minn Dok MBC[13] datat 21 ta' Awwissu 2014, u cioe` tmien snin wara li seħħ l-inċident, mibgħut direttament mill-Kummissjoni Ewropea lis-soċjeta` assikuratriċi tal-konvenut sabiex tal-ewwel tirkupra l-ammont illi ġie rinborżat lil attur. Bla dubbju, l-uffiċċjali tal-Unjoni Ewropeja rrilaxxjaw il-flus wara li kellhom prova ċara u ddokumentata li l-ammont totali kien tabilħaqq dovut. Għaldaqstant jibqa' bilanċ ta' ħdax-il elf, disa' u għoxrin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€11,920.19);

---

[8] Dok RP2-3 a fol 27-28

[9] Dok a fol 236-240, 245-246, 249-250, 255-256, 263-264,268-270, 272-274, 278-280, 284-286, 290-292, 296-298, 302-304, 308-310, 316-318, 324-326, 333-334.

[10] Dok RP2 a fol 439

[11] Fol 268.

[12] A fol 550

[13] Ibid.

Illi hemm ukoll l-arretrati tal-għajnuna domestika illi użat l-attriċi minn Ottubru 2008 sas-sena 2017 li jammontaw għal għaxart elef, mija u erbgħa u sittin Ewro (€10,164).[14] Għalkemm l-attriċi ma ppreżentat l-ebda ircevuti għal dan, huwa verosimili illi tassew utilizzat din l-għajnuna minħabba l-kundizzjoni li sabet ruħha fiha speċjalment meta għamlet xhur fis-sodda u wara dan iż-żmien ma setgħetx tagħmel ċertu faċendi tad-dar ta' strapazz minħabba l-inċident.[15] Apparti minn hekk il-prezz hu wieħed raġonevoli għall-aħħar tenut kont tas-siegħat ta' xogħol tal-fattiga. Mr Grixti jkompli jispjega illi irkoppa normali tiflaħ għal istrapazz li jġib miegħu x-xogħol tad-dar iżda l-irkoppa tal-attriċi, konsegwenza tal-inċident in kwistjoni ma tiflaħx daqs irkoppa normali u allura jekk tistrapazza xi ftit jista' jkollha nefħa fl-irkoppa, ikollha infjamazzjoni u uġigħ u għalhekk tiġi bżonn pilloli anti-infjammatorji. U hawn l-attriċi qed titlob l-ammont ta' elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u tmien ċenteżmi **(€1,666.08) għal mediċinali anti-infjammatorji.**[16] Għalkemm l-attriċi ma pproduċiet l-ebda riċevuti, il-Qorti ma ssib xejn inverosimili u għalhekk sejra tagħti kumpens fir-rigward.

Għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni, tirriżulta dovuta s-somma ta' €11,920.19 + €10,164 + €1,666.08 = **€23,750.27;**

## 2.2 ***Lucrum Cessans*:**

Illi apparti telf ieħor, l-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Ċivili [Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta] jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni minħabba telf ta' qliegħ futur: "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija… t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal

[14] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi pagna 12 a fol 369
[15] Xhieda ta' Bettina pisani a fol 467.
[16] Fol 17 ta-nota ta' sottomissjonjiet tal-atturi a fol 644

dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib"[17]. Meta seħħ l-inċident, l-attriċi kienet mara indipendenti u kienet kapaċi tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha u tad-dar mingħajr il-ħtieġa ta' assistenza jew għajnuna ta' ħadd. Konsegwenza tal-inċident *de quo*, din l-indipendenza tal-attriċi b'mod ġenerali ġiet ferm ridotta. Ġie deċiż f'diversi sentenzi li mara tad-dar – bħalma hi l-attriċi - għandha dritt għall-kumpens *lucrum cessans*[18];

### 2.2.1 ***Multiplier*:**

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attriċi bħala kumpens għat-telf fil-ġejjieni, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba atturi qegħda tinbena. Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case*

[17] P.A. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Schembri vs David Tanti
[18] Ara "Borg vs Zammit", P.A – 22.03. 1999, u "Farrugia vs Mamo", P.A – 11.10. 2002.

*and of other comparable cases*"[19];

Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[20], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[21], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[22], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attriċi fiż-żmien tal-inċident kellha tnejn u erbgħin (42) sena magħluqa. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din **il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 15-il sena**[23];

### 2.2.2 Paga

Illi kif ġja` ngħad, l-attriċi hija mara tad-dar. Illi meta l-vittma ta' inċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur għax-xogħol tad-dar li hija tkun tagħmel u li dan il-valur jintrabat minn tal-anqas

[19]Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122
[20]App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe
[21]Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe
[22]App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri
[23] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.

mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien.[24] Il-ġurisprudenza hi fis-sens li ‘l fatt li l-mara ta’ dar m’għandhiex qliegħ mix-xogħol li tagħmel fid-dar, ma jfissirx li m’għandhiex jedd għall-kumpens fejn jirriżulta li qegħda tbati minn debilita` permanenti wara inċident tat-traffiku[25];

Illi l-attriċi fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha tgħid illi qabel ma seħħ l-inċident, kellha l-intenzjoni illi tmur tgħix ġewwa l-Lussenburgu ma’ żewġha u għalhekk għandha ttitieħed l-paga minima nazzjonali tal-Lussemburgu. Huwa ndikuss illi f’każijiet konsimili l-prinċipju konsegwit hu dak tar-***restitutio in integrum***, fis-sens illi “l-iskop tal-ħlas tad-danni huwa dak li terġa’ tpoġġi lil min ikun soffrihom fil-pożizzjoni daqs li kieku huwa ma ġralu xejn”[26]. L-aċċident in kwistjoni seħħ ġimgħatejn qabel ma l-attur, li dak inhar kellu ħamsin (50) sena beda jaħdem ġewwa l-Lussemburgu.[27] L-atturi kienu għadhom kif biddlu l-akkomodazzjoni tagħhom minn appartament għal dar akbar. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi ssostni li qabel seħħ l-inċident kellha l-ħsieb tingħaqad ma’ żewġha u tgħix fil-Lussemburgu, u allura fil-multiplier għandha tgħodd il-paga minima nazzjonali ta’ dak il-pajjiż, u mhux ta’ Malta. Issa huwa minn lewn id-dinja li mara tgħix fl-istess post ta’ żewgħa. Madankollu, ma jidhirx illi l-attriċi kellha xi ħsieb li tmur tgħix ġewwa l-Lussenburgu aktar u aktar meta dak iż-żmien it-tlett subien tal-atturi kellhom dsatax (19), tmintax (18) u ħmistax (15)-il sena rispettivament u kienu jistudjaw ġewwa Malta. Filfatt fix-xhieda tal-atturi qatt ma ssemma’ illi l-attriċi kellha l-ħsieb illi tmur tgħix ma żewġha ġewwa l-Lussemburgu. Kull ma ssema hu illi kieku ma seħħx l-inċident, l-attriċi kienet tqatta’ mija u erbgħin (140) ġurnata ġewwa l-Lussenburgu **<u>jew</u>** ma’ ommha ġewwa id-Danimarka.[28] Mill-provi fl-atti

---

[24] P.A. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Schembri vs David Tanti
[25] Helen Vella Vs Monica Compagno –P.A. 30.10.2015.
[26] Borg pro et noe –vs- Muscat, Prim’ Awla, Qorti Civili, 09.01.1973
[27] Dok RP2-3 a fol 27-28.
[28] Affidavit tal-attur a fol 24 u affidavit tal-attriċi a fol 35.

kull ma hemm hija biss *email* mill-Konslu ta' Lussenburgu Dr David Tonna fejn jelenka l-paga minima f'dak il-pajjiż mis-sena 2005 sa 2011[29]. Hu minnu ukoll illi fl-2011 it-tifel il-kbir tal-atturi mar jaħdem ġewwa l-Lussenburgu ħdejn missieru[30] pero` qatt ma xehedu illi l-attriċi kienet se tmur tgħix ħdejn żewġha. Min-naħa l-oħra, mill-provi joħroġ illi l-attriċi dejjem uriet ix-xewqa illi terġa' tibda taħdem bħala assistenta ta' veterinarju la darba it-tfal ikunu kibru u filfatt żammet kuntatt mal-impjegat tagħha ta fejn kienet taħdem qabel u ċjoe` ġewwa Malta. Barra minn hekk marret tgħix miegħu fil-mori tal-kawża li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar ħdax-il sena. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova b'mod konvinċenti li kienet sejra tgħix fil-Lussemburgu;

Illi mill-affidavit tal-attriċi jirriżulta illi ma kinitx kwalifikata, fil-fatt telqet mill-iskola ta' sittax-il sena[31]. Il-paga minima f'Malta fl-elfejn u sitta kienet ta' mija u erbgħa u tletin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€134.82) fil-gimgħa[32] li jiġu sebat elef u għaxar Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€7,010.64) fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' bi tlett mija u tlett Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€303.78) kull sena.[33] Dan ifisser li kull sena l-ammont kien ser jitla bi tlett mija u tlett Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€303.78) għal ħmistax-il sena (15) għalhekk l-*average* irid jogħla b'elfejn, mitejn u tmienja u tmenin u ħamsa u tletin ċenteżmu (€2,278.35) li jwassal għal-disat elef, mitejn u tmienja u tmenin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu **(€9,288.99**);

## 2.2.3 Kalkolazzjoni tar-rata ta' diżabilita`:

[29] Dok DT1 a fol 534.
[30] Xhieda tal-attur a Fol 452.
[31] A fol 34.
[32] S.L 452.71 - *National Minimum Wage National Standard Order*
[33] Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – 08.03.2012 - PA

Illi jmiss li l-Qorti tistabbilixxi l-persentaġġ ta' diżabilita` li ssofri l-vittma bħala konsegwenza ta' l-inċident. Mir-rapport tal-**espert mediku maħtur mill-Qorti, il-kirurgu Mr Joseph Briffa** [a fol 579 et seq tal-proċess] jirriżulta li ivvaluta d-diżabilita` tar-rikorrenti bħala **sebgħa fil-mija (7%).** Fir-rapport tiegħu jgħid illi "id-diżabilita` permanenti ġiet evalwata fuq il-bazi tal-marki viżibbli u t-tibdil fis-sensazzjoni" u ċjoe` partikolarment l-estetika ta' barra u mhux il-funzjoni tar-riġel. Ma qiesx "id-diżabilita fiżika kkawżata mill-ksur u l-ħsara fl-irkoppa għaliex fi kliemu stess, "din id-diżabilita għandha tiġi meqjusa minn speċjalista fl-ortopedija għaliex jaqgħaw taħt dik il-branka tal-mediċina"[34]. **L-espert ortopediku Mr Massimo Abela** [a fol 605 et seq tal-proċess] wara li eżamina lill-attriċi sab illi mhix kapaċi tidritta l-irkoppa kompletament[35], sab "ħsara fil-qarquċa tal-irkoppa" u li "hemm possibilita` li din il-ħsara fil-qarquċa tkompli tiggrava fil-futur u twassal għal-artrite fl-irkoppa. Jekk iseħħ dan Bettina Pisani taf ikollha bżonn ta' operazzjoni biex tinbidel l-irkoppa għal waħda artifiċjali (*total knee replacement*)."[36] Mr Abela alloka persentaġġ ta' diżabilita` ta' **għaxra fil-mija (10%);**

Illi skont l-attriċi (fol 666) iż-żewġ persentaġġi għandhom jingħaddu flimkien (10% +7% = 17%) u waqt is-sottomissjonijiet verbali tagħha, iċċitat sentenza tal-Qorti f'dan is-sens fejn kien hemm iktar minn menomazzjoni waħda f'partijiet differenti tal-ġisem. Issostni li l-liġi ma tgħid xejn dwar il-metodu ta' kif jiġu kkalkolati ġrieħi multipli u li għalhekk m'hemm l-ebda regola sagramentali fir-rigward. Iċċitat sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Brian Micallef v Brian Tyre Services Limited et** (31.01.2014). Din is-sentenza iżda ma tissufragax lill-attriċi. Għalkemm is-sentenza tal-Prim'Istanza għamlet addizzjoni sempliċi tad-

[34] Rapport ta Mr Joseph Briffa a fol 583.
[35] Rapport ta' Mr Massimo Abela fol 608.
[36] Ibid.

diversi menomazzjonijiet li kien hemm fir-ras, u waslet għal persentaġġ ta' 52%, il-Qorti tal-Appell ma qablitx; marret għall-*weighted average* u għalhekk waslet għall-persentaġġ ta' 35%. Min-naħa l-oħra l-konvenuti jsostnu li l-Qorti għandha ssegwi l-ġurisprudenza kostanti li f'każijiet bħal dawn tagħti dak li jissejjaħ weigħted average u li normalment jiġi kkalkulat billi l-persentagg tal-ogħla diżabilita` jiżdied ma' nofs dak tad-diżabilita` ibxex, u li għalhekk f'dan il-każ il-kalkolu għandu jkun 10% + nofs 7%(3.5%) = 13.5%;

Illi huma utli d-*definizzjonijiet li jingħataw għal 'disability', 'disability rating' u 'percentage* disability' fid-Draft Report li sar mill-Committee on Legal Affairs and the Internal Market fis-27 t'Awwissu 2003 li rrakkommandat lill-Kummissjoni Ewropeja *disability rating scale* waħda għall-pajjizi kollha membri tal-E.U:

> *The consensus at Trier I was that* ***disability*** *should be defined as follows:*
>
> *'the definitive reduction of phycical and/or mental potential which can be identified or explained medically, together with the pain and mental suffering known by the doctor to be a normal concomitant of the sequela plus the everyday consequences which commonly and objectively accompany that sequela.'*
>
> *The* ***disability rating*** *is:*
>
> *'the degree of difficulty, measured against a theoretical maximum of 100%, experienced by any subject with sequelae thus quantified in performing the customary movements and actions of everyday non-occupational living, thus the degree of his '****personal disability****''*
>
> *The* ***percentage disability****:*

*'is not a unit of measurement but a unit of assessment, the result of combining measurements of a range of phenomena, using a range of instruments and so expressed in a range of units, with an intuitive opinion prompted by experience and the art of evaluating imponderable factors.'*

*13. So the setting of scales does not preclude a degree of personalisation. The doctor explains the implications of the sequelae for everyday living and then gives a rating. This rating not only quantifies the definitive injuries but incorporates the various parameters used in arriving at the percentage figure (which is a composite unit); so it tacitly includes a 'non-measurable and perhaps essential' portion which reflects the specific individuality of the person reported on, as assessed by the expert.*

*14. Where a pre-existing pathological condition has been changed by the accident being assessed, it is vital that the rating, which in this case has only a relative value, should be complemented by a description and explanation. In an amputee who is properly fitted with a leg prosthesis and becomes paraplegic as a result of the accident in question, the damage is not simply the rating after the victim became paraplegic minus the rating before he became paraplegic: the loss is the difference in terms of everyday living, a difference which must be described.*

A propożitu tal-hekk imsejjaħ *weigħted average* (fil-ġurisprudenza Maltija) saru s-segwenti osservazzjonijiet fid-Draft Report fuq indikat:

*(15) in the case of multiple sequelae the overall rating is not necessarily the sum of the individual ratings taken separately; it is calculated differently depending on whether the sequelae affect one and the same function (synergistic sequelae) or are*

*not synergistic; the proposed scale contains no pseudo-mathematical formula but appeals to the medical assessor's clinical sense, his common sense and sense of reality;*

• *for simultaneous injuries to different parts of the same limb or organ, the overall rating is not the sum of the separate ratings but the result of their synergy; it may not be greater than the rating for total loss of the limb or organ;*

• *in the case of simultaneous synergistic injuries to different limbs or organs, it is the overall impairment of function which must be assessed;*

• *in the event of multiple non-synergistic disabilities, the overall rating has to be lower than the sum of the ratings taken separately, otherwise the ceiling of 100% would be frequently exceeded even thougħ the victim clearly retains some residual capacity; in this case the victim's status has to be compared with typical clinical situations for which disability ratings are known; above all, and this is imperative, it is necessary to explain the concrete situation which is polymorphic but must perforce be reduced to the abstraction of a rating taken in isolation from its context"*;

**"**Għaldaqstant, id-diżabilita\` totali trid tiġi kkunsidrata in relazzjoni għal persuna, bħala entita\` fiżika waħda mingħajr ma jiġi preżunt li l-multipliċita' ta' debilitajiet jiġu komputati komplessivament sabiex toħroġ id-diżabilita\` reali li wieħed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-persentaġġi jiġu magħduda flimkien, wieħed jista' jasal għall-konkluzjoni assurda li f'xi każijiet ikun hemm debilita\` permanenti ta' aktar minn mija fil-mija."[37]

**Fid-deċizjoni** tal-Qorti tal-Appell Ingliża **Brown vs Woodall**, 1995 intqal:

[37] Spiridione *sive* Dione Zammit vs Mario Bonello, PA 30.03.2017.

"*I respectfully agree that the learned judge's approach of adding up the various figures for the awards that he thoug*ħ*t appropriate and the various different injuries could well lead one to an award which, compared with other awards, is in the aggregate, larger than is reasonable. In this type of case, in which there are a number of separate injuries, all adding up to one composite effect upon a plaintiff, it is necessary for a learned judge, no doubt having considered the various injuries and fixed a particular figure as reasonable compensation for each, to stand back and have a look at what should be the aggregate figure and ask if it is reasonable compensation for the totality of the injury to the plaintiff or whether it would, in the aggregate, be larger than was reasonable?"*[38];

Illi għaldaqstant ir-**rata ta' diżabilita` attribwita minn din il-Qorti hija 13.5%;**

### *2.2.4 Lucrum* cessans

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

Paga ta' €9,288.99 x *multiplier* ta' ħmistax-il (15) sena x grad ta' diżabilita` permanenti ta' 13.5% =

Illi in vista tal-elenku indikat fil-paragrafu preċedenti, l-ammont ta' danni relattiv għall-*lucrum cessans* hu hekk stabbilit fl-ammont ta' **<u>€18,810.23</u>**;

### 2.3 Spejjeż futuri

---

[38] Saret referenza għaliha fil-ktieb **Munkman's** "*Damages for Personal Injuries and Death*" (11th Edit. Pg 51). Ara ukoll Liliana Farrugia vs Gauci Francis, Qorti tal-Appell, 28.03.2014 u Brian Micallef vs Brian Tyre Services Limited et, Qorti tal-Appell, 31.01.2014 – filfatt il-Qorti tal-Appell, iccitat lil Guido Gentile, "Problemi insoliti nella Valutazione del danno della persona" (Ediz. 1951 pagna 311); *"la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta dalla somma dei coefficiente delle single lesioni, sebbene da un coefficente unico, rapportato, nel suo inxieme, all'entita` unitaria dell individuo."*

Illi skont ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, fil-komputazzjoni tad-danni, irid jittieħed biss kont ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans.* Il-Qorti ma taqbilx. **Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li jistabbilixxi kif jitqiesu d-danni, mhux biss isemmi dawn iż-żewġt irjus ta' danni imma wkoll "l-ispejjeż li (l-vittma) kellha tagħmel minħabba l-ħsara". Il-liġi ma tirrestrinġix dawn l-ispejjeż għal dawk inkorsi qabel ma tkun ġiet ippreżentata l-kawża biss. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti mhux biss irid jittieħed kont ta' telf ta' qliegħ antiċipat fil-futur, imma wkoll l-ispejjeż – mediċi, jew xort'oħra – li jkun mistenni li l-vittma tinkorri fil-futur kawża tal-menomazzjoni tagħha. Skond ir-rapport tal-espert mediku Mr.Massimo Abela[39] 'hemm possibilita` li din il-ħsara fil-qarquċa tkompli tiggrava fil-futur u twassal għal-artrite fl-irkoppa. Jekk iseħħ dan Bettina Pisani taf ikollha bżonn ta' operazzjoni biex tbiddel l-irkoppa għal-waħda artifiċjali.' L-attriċi qed titlob is-somma ta' **€15,245** għal dan l-intervent. Għalkemm din it-tip ta' operazzjoni joffriha l-Istat mingħajr ħlas, il-pazjenta taf iddum tistenna s-snin u għalhekk huwa ġust li jingħata kumpens fir-rigward;

Illi l-attriċi qed titlob ukoll kumpens għal-ħlas ta' għajnuna ta' fattiga fid-dar għal-ammont ta' elf u tlett mitt Ewro (€1,300) fis-sena peress illi ma tistax tagħmel dak kollu li kienet tagħmel qabel iżda ta' dan ma nġabet l-ebda prova ta' kemm titħallas il-fattiga. Hemm biss indikazzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi għal-ammont pretiż. Iżda huwa ta min jinnota illi hu verosimili li l-attriċi għandha bżonn tal-għajnuna ta' fattiga fil-ħajja ta' kuljum. Dan jikkonfermah Mr Charles Grixti li baqa' jsegwi lill-attriċi kull sitt xhur anke sa sitt snin wara l-inċident. L-attriċi għadha timxi bi krozza waħda u se jkollha tibqa tagħmel użu minnha għax huwa fl-interess tagħha li tużaha u dan sabiex tnaqqas il-piż mis-sieq affettwata biex b'hekk tipprova tevita li jkollha avvanz fid-diġenerazzjoni tal-irkoppa.

[39] Fol 608

Mingħajr l-għajnuna ta' krozza jew bastun l-attriċi tista' timxi imma zzappap u tista tagħmel ħafna strapazz fuq l-irkoppa l-oħra ukoll u għalhekk mhuwiex ta benefiċċju għaliha. Ovvjament dan kollu jillimita lil attriċi fil-ħajja ta' kuljum u filfatt ma tistax tagħmel xogħol tad-dar bħall qabel. Il-Qorti tikkalkula li fl-eta`ta 65 normalment kulħadd ikollu bżonn l-għajnuna ta' seftura. Għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni mhux il-każ li wieħed jieħu l-eta` abbażi tal-*life expectancy*, kif qed titlob l-attriċi. Hija tagħlaq 65 sena fit-2030. Il-Qorti diġa tagħtha kumpens sal-2017. Bejn 2017 u 2030 hemm 13-il sena. Mela t-total jiġi €1,300 x 13 = **€16,900**;

Illi l-isptrapazz jinkludi jekk titla' ħafna taraġ jew timxi fit-tul jew fuq l-imħarbat. M'hijiex xi ċirkostanzi straordinarji iżda affarijiet ta' normalita' ta' kuljum. Filfatt kien għalhekk li Mr Grixti issuġġerixxa li jsir *stair lift* id-dar għaliex it-taraġ huwa wieħed mill-aktar affarijiet strappazjuzi għall-irkoppa u allura jekk tista tevita t-taraġ ikun tant l-aħjar. U jekk fid-dar hemm it-taraġ, l-unika mezz hu li tagħmel l-*stair lift* għal-prezz ta' sebat elef u mitejn Ewro **(€7,200)**[40].

Illi apparti minn hekk, l-attriċi għanda bżonn sessjonijiet **ta' fiżjoterapja** għal tul ħajjitha kollha u dan sabiex tnaqqas kemm jista jkun id-digenerazzjoni tal-irkoppa[41] għal-ammont ta tnjen u tletin Ewro fis-sena (€32) kull sena. L-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jargumentaw illi dawn l-ispejjeż iridu jiġu multiplikati bir-rata tal-ħajja approssimattiva ta' 30 sena u dan skond ċifri maħruġa mill-uffiċċju Nazzjoali tal-Istatistika li jistabilixxu medja ta' ħajja approssimattiva ta' 82.3-il sena għan-nisa.[42] = €960.

Total tal-ispejjeż futuri: **€15,245** + **€16,900 + (€7,200)**[43]. + €960 = **<u>€33,105.</u>**

[40] Fol 643.
[41] Xhieda ta Mr Charles Grixti a fol 506.
[42] Fol 639.
[43] Fol 643.

## 2.4 Lump Sum Payment:

Illi kif gia ingħad minn din l-istess Qorti kif ippreseduta; 'Illi l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat.'[44]

Quantum komplessiv tad-danni:

| | |
|---|---|
| Damnum emergens: | **€23,750** |
| Lucrum Cessans: | **€18,810** |
| Spejjeż futuri: | **€33,105** |
| Total: | **€75,665** |

Illi l-attriċi talbet l-imgħax mid-data uffiċċjali fuq id-*damnum emergens*. Effettivament id-*damnum emerg*ens jirriżulta iktar minn dak mitlub fir-rikors ġuramentat, billi mid-data tar-rikors ġuramentat sallum l-attriċi inkorriet ċertu ammont ta' spejjeż li ġew ikkwantifikati. B'daqshekk din il-Qorti mhix qed tmur *ultra petita* billi sa dakinhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, dawn kienu

[44] Trevor Grech vs Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018

għadhom spejjeż futuri.  Għalhekk, hija sejra tilqa’ t-talba msemmija limitatament għall-ammont imsemmi fir-rikors ġuramentat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet tal-atturi billi:

1. Tiddikjara lill-konvenut Renato sive Ronnie Mallia unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-atturi.
2. Tillikwida d-*damnum emergens* tal-atturi fl-ammont ta’ **€23,750** kif fuq spjegat.
3. Tillikwida d-danni l-oħra tal-atturi konsistenti fi spejjez rikorrenti fis-somma ta’ **€33,105** u *lucrum cessans* fis-somma ta’ **€18,810**.

4. Tikkundanna lill-konvenut Renato sive Ronnie Mallia u lis-soċjeta` Citadel Insurance plc fil-vesti tagħha bħala assikuratur tal-vettura nru RUN 009 li kienet qed tinsaq mill-konvenut Renato *sive* Ronnie Mallia sabiex iħallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi s-somma totali hekk likwidata u ċjoe` **€75,665.**

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali t-3 t’Ottubru 2007, u bl-imgħax legali fuq €13,620.03 mid-*damnum emergens* tal-atturi fuq indikat b’effett mid-data tal-ittra uffiċjali msemmija, u bl-imgħax legali fuq il-bqija tad-danni mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Onor. Imħallef
Grazio Mercieca